MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 1043/1994/1

**Francis Tirchett**

**vs**

**Angelo Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istanti is-somma ta' tnejn u sittin lira u sittin centezmu (Lm62.60) jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta''periti nominandi danni li l-konvenut ikkaguna lill-istanti f'incident stradali li gara Hal Tarxien fis-16 ta' April 1994 prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident iu konsegwenzjali danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti .

Bl-ispejes, komprizi Lm5 ta' konsult u zewg ittri dawk ta' ittra ufficjali tal-data tal-avviz lill-asskuraturi tal-konvenut

(Stephen Fava noe ) ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament l-istess attur minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-digriet, moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta, u li bih l-Avukatessa Fiorella Camilleri Demarco giet nominata bhala espert “in materia” (fol 9 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak kollu verbalizzat a fol 23 tal-istess atti in rigward l-“affidavit” anness mal-atti a fol 16.

Rat ir-relazzjoni sottomessa mill-istess espert tekniku nominat (fol 61 sa fol 65 ibid) kif ukoll il-verbali relattivi (fol 41 sa fol 60 A ibid).

Ikkunsidrat

Illi gew esaminati kemm ir-relazzjoni kemm l-atti relattivi sottomessi u presentati mill-imsemmi espert tekniku u minnhom jidher s-segwenti:-

a) Kif xehed l-istess attur (fol 42 u fol 54 “a tergo”) hu kien qed jsuq “… fuq il-“left, forsi daqst tlett piedi barra mill-hajt u konformament mal-kurvatura u minn Tal-Barrani mid-direzzjoni ta‘ Santa Lucija giet karozza … u baqa’ gej (f) id-direzzjoni dritt ghal go fiha”. Fil-kontro esami li sarlu, hu cahad “illi kont ghaddej f’nofs it-Triq …. (u) li qabel l-incident il-karozza tieghu tbandlet jew skiddjat b’xi mod”. Inoltre hu sostna li, meta sar l-impatt “…. Konna it-tnejn

"in motion"" (ara wkoll l-iskizz esbit in atti a fol 55 kif ukoll ix-xiehda ta' bin l-attur, Colin Tirchett, a fol 43 u fol 57 ibid u ta' PS670 Stephen Bruce a fol 41 u 54 ibid li esebixxa l-imsemmi skizz u kopja tar-rapport a fol 55 u 56 ibid;

b) Da parti tal-konvenut (fol 45 u 58 ibid) jsostni li meta dar minn Triq tal-Barrani u go Triq il-Palma sabiex jmur f'Hal Tarxien fejn jirrisjedi hu kien ra l-vettura misjuqa mill-attur gejja ".. bi speed eccessiv u mhux kontrollat, fis-sens li l-karozza kienet qed titbandal". "Ghalhekk hu waqaf waqt li l-iehor (L-attur) baqa' gej ….." u ntlaqat minnu. In rigward dan, hu kompla jghid "li qabel ma saret il-habta jiena kont fuq in-naha tieghi tat-triq, pero jista' jkun illi bid-daqqa li tani l-attur parti mill-karozza tieghu setghet qabzet f'nofs it-triq b'xi pulzier. Ghalhekk hu sahaq li l-imsemmi skizz ma kienx tajjeb in vista li skond dejjem l-istess konvenut il-karozza misjuqa minnu ma spiccatx "fin-naha l-ohra tat-triq" kif murija fuq l-istess skizz.

c) Minhabba l-premess, il-konvenut qed jikkontesta l-imsemmi skizz u da parti tieghu ssottometta id-dokument markat Dok AB1 a fol 52 tal-atti, maghmul fuq inkarigu tal-istess konvenut mill-Arkitett u Inginier Civili Kenneth Zammit Endrich (ara fol 16 ibid) ossija pjanta tal-istess incident maghmula, pero', fl-assenja tal-attur u ta' kull persuna ohra involuta f'dan il-kaz hlief ghall-konvenut. In rigward l-istess pjanta ghandha ssir referenza ghad-digriet moghti fl-14 ta' Mejju 1996 a fol 23 tal-istess atti u ghalhekk ghar-ragunijiet premessi fl-istess digriet "l-istess pjanta ma tigix prodotta bhala xhieda".

Ikkunsidrat

Illi l-unika prova, indipendenti mill-partijiet f'dan il-kaz, hu l-imsemmi skizz redatt mill-fizzjal tal-Pulizija msemmi. Minn dan jidher car li l-attur kien fuq "the proper side of the road" tieghu meta grat din il-habta. Konsegwentement il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in esami minhabba li b'mod negligenti saq fuq in-naha hazina tat-triq u b'hekk ikkawza dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi l-"quantum" tad-danni pretiz mill-attur ma giex kontestat mill-konvenut (ara fol 65 ibid).

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm62.60,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm62.60,0 bl-imghax legali mis-7 ta' Dicembru 1994 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm5 ta' konsult kif ukoll ta' zewg ittri legali u tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 1994 imsemmija fl-avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------